KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar, 2026, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Mario Calleja
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace
Maria Mallia
Vince Bonello

**ASSENTI**

Ħadd

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera rigward ir-reżenja li kien hemm aktar kmieni s-sena li għaddiet tal-kunsilliera Carmen Borg. Kien hemm biss applikant wieħed li wera l-interess tiegħu, pero dan ma ġabx voti biżżejjed biex ikun jista jsir kunsillier. Hekk kif spiċċa dan skatta l-proċess biex tinstab persuna li tista' timla dan il-post vakant. Jidher li l-Partit Laburista avviċina persuna biex tkun parti mill-kunsill fejn din għandha tiġi kkonfermata. Il-Partit Laburista se jkun qed jipproponi lil xi ħadd.

**20.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

20.02.01 Ix-xogħol fuq il-proġett tar-Roof Garden mixi tajjeb, suppost se jkun lest fi Frar u hemm hemm skadenza fuq dan. Jekk il kuntrattur ma jonorax il-ġurnata li ġiet miftehma se jkunu qed jittieħdu passi skond il-kuntratt. Mal-istess kumpanija hemm għaddejj ukoll il-proġett tar-Rabbat li ukoll ix-xogħol waqa lura ħabba li kwistjonijiet li hemm fosthom fuq id-dawl u l-funtata. Fuq dan se jkunu qed joħroġu l-multi fuqu ukoll.

20.02.02 Ix-xogħolijiet fi Triq San Ġorġ Preca li qed isiru minn Infrastructure Malta mixi pero b'pass kajman, bit-tama li dan jibda jkun wieħed aktar mgħaġġel.

20.02.03 It-tender tal-*Carpark* ħareġ u saru xi mistoqsijiet li se/qed jiġu imwieġba. Fuq dan se jkun hemm estenzjoni sat-3 ta' Frar.

20.02.04 Fuq iż-żona ta' Atoċja s-Sindku nforma lill-kunsillieri li qedin fil-proċess li nistennew biex jinbeda x-xogħol.

20.02.05 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li x-xogħol fi Ġnien Oreste Chircop xogħol mixi u qed jgħaddu it-trinek. Kien hemm kwistjoni fejn kien hemm xi individwi li ma bdewx iħallu lin-nies jaħdmu, fejn fuq dan ġew avviċinati l-pulizija.

20.02.06 Il-festin tal-anzjani sar u jidher li dawk li attendew ħadu gost, pero kien ikun aħjar li kieku l-attendenza kien waħda aħjar. Fuq dan is-Sindku irrimarka li huwa mportanti f'attivitajiet bħal dawn ikun hemm il-preżenza tal-Kunsilliera. Dan ukoll japplika għall-festin tat-tfal.

20.02.07 Rigward il-*get together* ingħad li kienet attività tajba u li tajjeb li dawn ikunu frekwenti

20.02.08 Is-Sindku qal li fejn jidħol awditjar qegħdin ftit lura. Wara li kien hemm talba ukoll mill-Kunsill saret laqgħa bejn l-accountat preżenti, kumpanija MGI li hija sussidjarja mill-Gvern u kif ukoll rappreżentanti tad-dipartiment. Din il-laqgħa saret biex ikun hemm triq 'il quddiem biex l-accounts jiġu up to date. Għalfatt li l-kuntratt tal-accountant preżenti se jiskadi f'Ġunju li ġej, din l-istess kumpanija m'għandix riżorsi biżżejjed biex taħdem u tlaħħaq mal-volum tax-xogħol. Għalhekk l-imsemmija MGI se tkun qed tieħu ħsieb l-accounts minn flimkien mal-kumpanija preżenti u eventwalment tieħu kollox

taħt il-kappa tagħha. Din il-kumpanija se tkun qed tibgħat ħaddiema tagħha fl-uffiċju tal-kunsill biex ikun hemm ħidma fl-inputtjar li hemm bżonn. Se jkun qed jibda l-awditjar tas-sena 2023, bit-tama li sakemm dan jitlesta ikun hemm l-inputting kollu aġġornat.

20.02.09 Fuq dan il-punt ġie diskuss fejn inridu naraw il-pass li jmiss, li hu jekk noħorġux tender jew inkellha nużaw din il-kumpanija tal-gvern. Kien hemm diskussjoni libera, fejn kien hemm qbil li dan jiġi discuss aktar 'il quddiem. Għal mument biex jiġi kollox f'ordni se tkun qed taħdem din il-kumpanija tal-gvern.

20.02.10 Il-Kunsill ġie avviċinat mit-tim tal-volleyball tal-Ħamrun fejn dawn kellhom laqgħa mas-Sindku u mal-Monority leader fejn ġie kkonfermat li bħala kunsill se ngħinu fejn se jkunu qed isiru tlett sessions biex iħeġġu aktar tfal jingħaqdu ma' dan it-tim. Il-kirja tal-gym se tkun qed tiġi iffinanzjata mill-Kunsill.

## 20.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.03.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar is-Sibt 3 ta' Jannar kien hemm opportunita li jiġu s-Slaten Maġi fil-Ħamrun. Il-ħin kien limitat ħafna u għalhekk saret biss żjara għand il-Little Sistes of the Poor u wara marru fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Dan ġie deċiż għalfatt hekk għalfatt li fil-Parroċċa ta' San Gejtanu kienet saret tiġa attività relatata mal-Milied u għalhekk din saret fil-parroċċa l-oħra. Għal din l-okkażjoni il-Kunsill ħallas banda żgħira biex ikun hemm aktar atmosfera.

20.03.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li saret laqgħa mal-Pulizija u mal-uffiċjali tal-LESA fuq diversi sfidi li hawn fil-lokal, biex tkun tista' ssir ħidma aħjar. Huwa qal ukoll li bħalissa hawn xi nies li qed jassistu lil pulizija. Huwa qal li qalhom li bħala kunsill qed nitolbu li jkun hemm aktar ħidma minn Pjazza San Pawl l'isfel. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi ukoll dawk ta' bla saqaf u tallaba li hawn bħalissa fit-toroq, speċjalment mill-Pjazza sal-Blata l-Bajda.

20.03.03 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se tkun qed issir trinka minn Triq Villambrosa sa Triq Manuel Magri. Dan ix-xogħol se jsir minn EneMalta, imma fil-bidu tax xahar id dieħel se jsir xogħol ta' servizzi ġodda u tarmak fi Triq Milend u Triq Schembri. Ix-xogħol se jibda min-naħa tal-*ground* fejn se jsiru servizzi tal-ilma u tarmak u bankini fejn se jkunu tul Triq Milied kollha sa Triq il-Kubrit u wara se jibda xogħol fi Triq Schembri mir-roundabout sa Triq il-Kbira San Ġużepp. It-tama hi li kif jitlesta dan ix-xogħol tkun tista' titlesta l-aħħar parti tal-proġett ta' Triq il-Kbira.

20.03.04 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jibda l-proċess biex joħroġ it-tender tal-Knis. Matul din il-laqgħa tqassmet karta ta' kif se jkun qed jitqassam il-knis fit-toroq tal-Ħamrun, mit-Tnejn sas-Sibt. Fuq dan huwa beda li hemm żewġ opzjonijiet li huma li jew immorru fuq tender (kif ninsabu) jew mal-cleansing. Huwa qal li jista' jkun l-aħjar li nibqgħu ma' kuntrattur privat.

20.03.05 Is-Sindku kompla billi qal li bħalissa t-toroq qed jinkisnu darbtejn fil-ġimgħa imma li bil-volum tan-nies li hawn ikun għaqli li dan jiżdiedu. La darba dawn jiżdiedu, se jiżdiedu l-ispejjeż però huwa mportanti li jkun hemm investiment biex il-lokal ikun aktar nadif.

20.03.06 Abbażi ta' dan, huwa qal li f'ġurnata jkun hemm knis in-naħa tal-Parroċċa Kunċizzjoni, u ġurnata oħra jkun hemm fin-naħa tal-Parroċċa San Gejtanu, fejn ma din ikun hemm inklużi n-naħa ta' isfel u n-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Fejn jidħlu spazji pubbliċi dawn se jkunu qed jitnaddfu kuljum u kif ukoll hemm ċerti toroq li ukoll jridu jsiru ta' kull jum, fejn dawn jinkludu ukoll l-isqaqien.

20.03.07 għalkemm dan il-pjan huwa mit-Tnejn sas-Sibt, il-Ħadd xorta se jkun hemm xi ftit ħidma f'xi toroq li huma Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Kappillan Mifsud u Triq Manuel Magri minn il-Kunċizzjoni sa Triq Villambroża, b'hekk ikunu qed jintlaħqu ż-żewġ toroq prinċipali.

20.03.08 Jidher li dan ix-xogħol se jkun jista' jsir u jinqasam bejn ħames (5) ħaddiema. Dawn se jagħmlu knis u ġbir tal-*bins*. Saret diskussjoni libera fuq dan u eventwalment dan it-tender ġie approvat biex jinħareġ.

20.03.09 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi staqsi rigward il-ħasil tat-toroq. Fuq dan s-Sindku qal li għalissa dan qed isir mill-istaff tal-kunsill biex jiġi iffrankati il-fondi, però jekk naraw il-ħtieġa dan jista' jinħareġ 'il quddiem.

20.03.10 Il-Kunsillier Antoine Vassallo staqsa jekk il-knis hux se jsir bil-magni, però ġie ikkonfermat li dan se jsir mingħajr magni.

20.03.11 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi staqsa ukoll rigward l-isfida tal-ħamiem, fejn fuq din is-Sindku qal li din se tkun qed taqa' taħt is-sanita, fejn ukoll qed issir ħidma fuq proġett pilota biex tiġi indirizzata din il-problema.

20.03.12 Is-sindku nforma lill-kunsilliera li fiż-żmien li ġej se jkunu qed jinqataw u jinżabru xi siġar għal fatt li dawk kibru sew u jkun wasal iż-żmien li jsir dan l-eżerċizzju.

20.03.13 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn artista li se tieħu sehem fil-Biennale f'Venezja f'April. L-idea hija li se jittella' Russle Crowe taċ-ċikkulata fit-tinda fejn se jkun hemm informazzjoni fuq Malta. Bħala spejjeż mhux se jkun hemm xejn però tkun ħaġa sabiħa li nagħmlu stand b'informazzjoni fuq il-Ħamrun.

## 20.04 Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza

**20.05 Karnival fil-Ħamrun**

20.05.01 Se tkun qed issir laqgħa biex naraw aħjar is-sehem tagħna fil-Karnival tal-Ħamrun. Għandna laqgħa fejn se jingħataw aktar dettalji fuq dak li se jkun qed jiġri fejn bħas-snin ta' qabel il-karnival se jkun qed jibda fl-10am, fejn se jkun hemm is-sehem tal-għaqdiet tagħna, il-baned b'karru ukoll.

20.05.02 Fuq il-karnival jidher li hemm ċans li ssir attività filgħaxija ukoll però din se tkun fin-naħa ta' Santa Venera b'defile li jibda mill-Ħamrun, però fuq dan għadna qed nistennew l-informazzjoni kollha. Din l-attività hija sabiħa li ssir però jrid jiġi ikkunsidrat l-ispejjez li din taf tirrikjedi biex issir. Fuq dan is-Sindku qal li tajjeb li nkellmu n-nies li jridu jieħdu sehem, filwaqt li se jkun hemm ukoll żona tat-tfal.

**20.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

20.06.01 Il-Kunsill Antoine Vassallo ta ftit tagħrif fuq il-laqgħa tar-reġjun. Huwa qal li dawn se jġibu apparat biex jaraw l-istat tax-xelters li jista' jkun hawn interess li jinfetħu fil-lokal. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi ukoll l-isfidi tal-iskart goff.

20.06.02 Il-Kunsilliera Maria Baldacchino tkellmet fuq il-ħarġa kulturali li se tkun qed issir fix-xahar ta' Frar li se tkun ħarġa għall-Palazz tal-Inkwiżitur, fejn din se tkun qed tinkludi ukoll bibita u ftit ikel mingħand kafetterija fil-viċin.

20.06.03 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li l-iskola tas-Sorijiet tal-Franġiskani tal-Eġittu staqsew rigward il-possibilità li jkun hemm Pulizija fejn l-iskola hekk kif ikun hemm ħdejn l-iskola tal-Gvern. Fuq dan is-Sindku qal li l-pulizija jkunu mqabbda mill-gvern ħabba li l-iskola hija tal-gvern.

20.06.04 Huwa nfurma ukoll li l-problema tad-dwal ta' quddiem il-knisja ġiet solvuta. Fuq din is-Sindku qal li bħalissa qed jinbidlu l-bozoz f'kull lokal, fejn li qed jiġri hu li l-kuntrattur qed jinqabad b'xi xogħolijiet, però bħala kunsill dejjem ħa ħsieb li jirrapporta.

20.06.05 L-istess kunsillier qal jekk hemmx possibilità li titmexxa l-*istage* li hemm faċċata quddiem l-istabbiliment Queens, fejn għal fatt li jkun hemm il-karozzi pparkjati tal-linja ma tarax lill-persuna li tkun fuq l-*istage*.

20.06.06 L-istess kunsillier qal li hekk kif għadu ż-żmien, naraw jekk hux possibbli li jkun hemm tindif fil-*culverts* waħda f'Ġunju u oħra Awwissu.

**20.07 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

20.07.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 11.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Maria Baldacchino u issekondata mill-Kunsillier Antoine Vassallo.

**20.08 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata l-Erbgħa 11 ta' Frar, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv